MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2009

Numru. 593/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ARTHUR MERCIECA**

**KONTRA**

**JOSEF ZAMMIT TYLER**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Josef Zammit Tyler ta’ 17- il sena, bin Mario Brignoni u Josephine Tyler, mwieled Pieta nhar il- 5 ta’ Jannar 1992, residenti fil- fond numru 40, Triq il- Merzuq, B’Bugia u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 50492(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) nhar il- 21 ta' Gunju 2009 ghall- habta tas0 7.30am gewwa 40 triq il- Merzuq, B'Bugia, minghajr il- hsieb li joqtol jew li jqieghed il- hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il- persuna ta' ommu Jospehine Tyler skond kif iccertifika Dr. Jesmond Cassar MG Reg 1906 mic- Centru tas- Sahha ta' Rahal Gdid;

2) u aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghall- imsemmija persuna sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara;

3) u aktar talli fl- istess dtat, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il- bon ordni jew il- kwiet pubbliku b'ghajjat u glied;

4) u aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament ikkaguna xi hsara jew hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe ghamel hsara gewwa l- fond imsemmi ghad- dannu ta' ommu Josephine Tyler liema hsara teccedi €116.47;

5) u aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna lil ommu tibza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l- propjeta' taghha;

6) u aktar talli sar recidiv peremezz ta' sentenza tal- Qorti liema sentenza saret definittiva u ghalhekk ma tistax tinbidel.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tathu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Ikkunsidrat:

Wara li rat l-Artikoli 221, 338(dd), 339(1)(d) u (e), 325, 251B, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi hati u ghaldaqstant tapplika l- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal tlett (3) snin.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------